- *Limiti tal-ġudikat*
- *Dubju fil-kuntratti jmur favur id-debitur*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Marzu 2024**

**Rikors Nru. 2/2015 GM**

**Cranes and Commercial Sales Limited**

**vs**

**Carmelo Buhagiar (KI 309828 M), u b'digriet tal-4 ta' Frar 2016 l-atti leġittimati f'isem Joseph Buhagiar u b' digriet tat-30 ta' Jannar 2018 l-atti ġew leġittimati f' isem Rose Buhagiar (033053M) u taż-żewġ uliedha Robert Buhagiar (370376M) u Karen Buhagiar (478878M) sabiex jissoktaw l-kawża bħala konvenuti minflok il-mejjet Joseph Buhagiar, Grace mart Joachim Mizzi, Anthony Buhagiar, Mario Buhagiar, Rita mart Samuel Grech, Dolores sive Doreen mart Joseph Zammit, Frederick Buhagiar, Theresa mart Simon Bonnici, Alexander sive Alessio**

**Buhagiar, Carmelo sive Charlie Buhagiar, Anna sive Annie mart Emanuel Enriquez, u Concetta sive Connie  mart Saviour Zammit, u Carolina armla ta' Carmelo Buhagiar wara l-mewt ta' Carmelo Buhagiar; *u b'digriet tas-16 ta' Frar 2018 Dolores sive Doris Zammit ġiet maħtura bħala mandatarja speċjali tal- konvneuti Carmelo sive Charles Buhagiar, Frederick Buhagiar, Anna sive Annie Enriquez u Concetta sive Connie Zammit minflok Joseph Buhagiar; u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2019 l-atti ġew leġittimati f'isem il-konvenuti Grace Mizzi, Anthony Buhagiar, Mario Buhagiar, Rita Grech, Doreen Zammit, Theresa Bonnici, Alessio Buhagiar, Robert Buhagiar u Karen Buhagiar u l-konvenuta Dolores sive Doreen Zammit inoltre f'isem ħutha Carmelo sive Charlie Buhagiar, Frederick Buhagiar, Anna sive Annie Enriquez u Concetta sive Connie Zammit wara l-mewt ta' Carolina Buhagiar;**

**George Buhagiar (KI 304131 M) u, b' digriet tal-20 ta' April 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem Raymond Buhagiar u Anna Darmanin stante l-mewt ta' George Buhagiar;**

**Catherine Buhagiar [KI 459633M], Paola Buhagiar (KI 624422M) u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' April 2015, l-atti ġew leġittimati f'isem Paul Buhagiar, Lawrence Buhagiar, Carmelo Buhagiar, Joseph Buhagiar, u b' digriet tat-30 ta' Jannar 2018 l-atti ġew leġittimati f' isem Rose Buhagiar (033053M) u taż-żewġ uliedha Robert Buhagiar (370376M) u Karen Buhagiar (478878M) sabiex jissoktaw l-kawża bħala**

**konvenuti minflok il-mejjet Joseph Buhagiar; Grezzju Buhagiar, Alfred Buhagiar, Doris mart Anthony Portelli, John Buhagiar u Mary mart David Taylor wara l-mewt tal-kovenuta Paola Buhagiar.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Cranes and Commercial Sales Limited (C 5874) ("Cranes") li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

I. B'konvenju datat 25 ta' Novembru 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion, is-soċjeta' rikorrenti, li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala J. Cassar Commercial Plant and Sales Limited, obbligat ruħha li tixtri u takkwista mingħand l-intimati li b'mod indiviż u solidali bejniethom obbligaw rwieħom li jbiegħu u jittrasferixxu lis-soċjeta' rikorrenti l-porzjon diviż ta' art f'Ħaż-Żabbar tal-kejl ta' circa 1.9 tumuli, li jifforma parti minn raba' ta' 'Ħabel ix-Xagħra', fi skema għall-iżvilupp tal-bini, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' 50 ċenteżmu ta' dak iż-żmien, altrimenti libera u franka u ħielsa mill-gabillott, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, murija bil-kulur aħmar fil-pjanta annessa u markata 'A' mal-konvenju, liema art tinkorpora fiha t-toroq proġettati, taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju, liema dokument qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok "JCI";

2. Fost il-pattijiet u kondizjonijiet fl-istess konvenju hemm ai termini tal-klawsola indikata bl-ittra 'e' fl-imsemmi konvenju, li l-partijiet kienu qablu li l-istess konvenju kellu jibqa' validu sa żmien tliet xhur mid-data illi t-toroq proġettati jinfetħu u l-kumpratur ikun jista' jidħol;

3. Reċentement is-soċjeta' rikorrenti saret taf li x-xogħlijiet fuq it-toroq proġettati kif imsemmija fil-konvenju bdew jitwettqu għalkemm jiġi rilevat illi ma jirriżultax illi ġew kollha kompjuti;

4. Għal kull buon fini s-soċjeta' rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali 4087/14 fil- __ ta' Diċembru 2014 sabiex tinterpalla lill-intimati biex jersqu għall-iffirmar u pubblikazzjoni ta' kuntratt pubbliku għall-bejgħ u

trasferiment tal-imsemmija proprjeta' taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet kontenuti fil-konvenju (kopja hawn annessa u mmarkata Dok ”JC2");

5. L-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellhom jinbdew dawn il-proċeduri ai termini ta' l-Artikolu 1357 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenju tal-25 ta' Novembru 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion fejn is-soċjeta' rikorrenti, li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala J. Cassar Commercial Plant and Sales Limited, obbligat ruħha li tixtri u takkwista' mingħand l-intimati li obbligaw rwieħhom li jbiegħu u jittrasferixxu lis-soċjeta’ rikorrenti b'mod indiviż u in solidum bejniethom il-porzjon diviż ta' art f'Ħaż-Żabbar tal-kejl ta' circa 1.9 tumuli, li jifforma parti minn raba' ta' 'Ħabel ix-Xagħra', fi skema għall-iżvilupp tal-bini, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' 50 ċenteżmu, altrimenti libera u franka u ħielsa mill-gabillott, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, murija bil-kulur aħmar fil-pjanta annessa u markata 'A' mal-konvenju, liema art tinkorpora fiha t-toroq proġettati, taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju, liema dokument huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok JCI huwa validu skont il-Liġi;

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex jersqu għall-iffirmar u pubblikazzjoni ta' kuntratt pubbliku għall-bejgħ u trasferiment tal-proprjeta' fuq imsemmija taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet kontenuti fl-imsemmi konvenju;

3. Tinnomina lin-Nutar Dr Carmel Mangion jew nutar ieħor li dina 1-Onorabbli Qorti jogħġobha tinnomina, sabiex jikkonkludi u jippublika d-dokumenti kollha neċessarji rigward dana t-trasferiment;

4. Tiffissa jum, lok u ħin sabiex jiġi ppublikat l-istess u tinnomina kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-intimati fl-eventwalita’ li ma jersqux għall-kuntratt finali;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta’ Catherine Buhagiar li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Preliminarjament ir-rikors promutur huwa null stante illi t-tliet intimati l-oħra Carmelo Buhagiar, George Buhagiar u Paola Buhagiar kienu ġja mejta meta ġew intavolati dawn il-proċeduri. Is-soċjeta’ rikorrenti kienet ġia konsapevoli bil-mewt ta' Carmelo Buhagiar u Paola Buhagiar peress illi kienet parti bħala waħda mill-konvenuti fil-kawża Ċitazzjoni numru 206/1999 AE fl-ismijiet Domnic Zerafa et vs Carmelo Buhagiar et deċiża mill-Prim' Awla fis-6 ta’ Ottubru 2014. F'din l-istess kawża kienet saret il-leġitimazzjoni tal-atti ta' Carmelo Buhagiar u Paola Buhagiar.

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan għar-.raġunijiet li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Il-konvenju ma għadux jorbot il-partijiet għaliex l-kondizzjoni ai termini tal-klawsola ndikata bl-ittra 'e' fil-konvenju tal-25 ta' Novembru 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion (Dok JCD ċitata mis-soċjeta' rikorrenti seħħet diversi snin ilu. Is-soċjeta' rikorrenti setgħet taċċedi għall-art li intrabtet li tixtri sa mis-sena 2004 u dana kif se jidher ukoll mill-aerial photos tal-MEPA. Triq il-Ħawt li tagħti l-aċċss għall-istess art ġiet asfaltata mill-Gvern Ċentrali fit-2010.

4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju din l-azzjoni ma tistax tirnexxi għaliex l-ittra uffiċjali tas-soċjeta' rikorrenti tal-5 ta' Diċembru 2014 notifikata lill-esponenti fit-12 ta' Diċembru 2014 sabiex din ta' l-aħħar tersaq għall-bejgħ u trasferiment tal-art in kwistjoni saret aktar minn tliet xhur wara illi t-toroq proġettati fuq l-ischeme infetħu biex b'hekk s-soċjeta' rikorrenti setgħet tidħol fil-proprjeta' li obbligat ruħha li tixtri.

5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju ma saret ebda estensjoni tal-konvenju oriġinali tal-25 ta' Novembru 1994 bejn il-partijiet u għaldaqstant dawn il-proċeduri ma jistgħux jirnexxu stante illi l-konvenju skada.

6. Il-konvenju skada, ġie kkonfermat mill-Prim'Awla tal-Qorti fis-6 ta' Ottubru 2014 Ċitazzjoni numru 206/1999 AE fl-ismijiet Domnic Zerafa et vs Carmelo Buhagiar et (liema sentenza għaddhiet in ġudikat) fejn fil-paġna 13 il-Qorti tgħid: 'M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenju oriġinali bejn il-konvenuti Buhagiar u l-kumpanija Cranes & Commercial Sales Limited (25 Novembru 1995) skada.

7. Subordinatament u mingħajr preġudizzju wkoll fi kwalunkwe każ l-azzjoni tentata mis-soċjeta' rikorrenti ma tistax tirnexxi għaliex skont il-konvenju tal-Novembru 1994 id-depożitu relattiv għandu jitqies bħala kaparra kemm-il darba l-kompratur ma jersaqx għall-kuntratt definittiv għall-raġuni mhux valida fil-liġi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Raymond Buhagiar u Anna Darmanin fil-vesti tagħhom ta' eredi tal-mejjet George Buhagiar, Paul Buhagiar, Lawrence Buhagiar, Carmelo Buhagiar, Joseph Buhagiar, Grezzju Buhagiar, Alfred Buhagiar, Doris mart Anthony Portelli, John Buhagiar u Mary mart David Taylor fil-vesti tagħhom ta' eredi tal-intimata Paola Buhagiar, kif ukoll ta' Carolina Buhagiar, Joseph Buhagiar, Grace Mizzi,

Anthony Buhagiar, Mario Buhagiar, Rita Grech, Doreen Zammit, Frederick Buhagiar, Theresa Bonnici, u Alessio Buhagiar aħwa Buhagiar ilkoll bħala suċċessuri fit-titolu tal-intimat illum mejjet Carmelo Buhagiar, li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament ir-rikors promutur huwa null stante illi fil-mument tal-preżentata tiegħu huwa ġie ppreżentat kontra individwi li s-soċjeta' rikorrenti kienet taf li huma mejta u meta kellha informazzjoni dwar min kienu s-suċċessuri fit-titolu ta' Carmelo Buhagiar u Paola Buhagiar stante li kienet diġa' saret leġittimazzjoni ta' atti fi proċeduri oħra fejn is-soċjeta' rikorrenti kient parti u cioe' fil-kawża Ċitazzjoni numru 206/1999 AE fl-ismijiet Domnic Zerafa et vs Carmelo Buhagiar et deċiża mill-Prim' Awla fis-6 ta' Ottubru 2014.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-azzjoni attriċi hija irrita u nulla stante li ma ġietx intavolata fit-terminu perentorju stabbilit fil-liġi.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konvenju li abbażi tiegħu s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tressaq din il-kawża, illum skada u ma għandu l-ebda validita` fil-liġi u konsegwentement ma huwiex infurzabbli fil-liġi.

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa fil-konfront tal-intimati ġaladarba s-soċjeta' rikorrenti ma kella l-ebda dritt li titlob li Qorti tordna li l-intimati jiġu mġiegħla jersqu għal kuntratt tat-trasferiment tal-proprjeta' mertu tal-kawża, u in pessima ipotesi s-soċjeta' rikorrenti għandha biss ir-rimedju li jagħtiha l-istitut tal-kapparra u xejn iżjed.

5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

Rat li b'digriet tat-2 ta' Frar 2021 fuq talba konġunta tal-partijiet ordnat li l-proċess 73/15 MH jinstama' minn din il-Qorti kif ippreseduta flimkien ma' din il-kawża.[1]

Ikkunsidrat:

[1] Fol. 560.

Din hija kawża li permezz tagħha l-attriċi qiegħda titlob l-infurzar ta' konvenju tal-25 ta' Novembru 1994 li permezz tiegħu l-konvenuti oriġinali intrabtu li jbiegħu porzon art f'Ħaż-Żabbar ta' madwar 1.9 tmiem.

Catherine Buhagiar, waħda mill-konvenuti, ressqet dawn l-eċċezzjonijet ewlenin:

(i) In-nullita` taċ-ċitazzjoni għaliex il-konvenuti l-oħrajn kienu mejtin.

(ii) Il-klawżola (e) tal-konvenju (l-aċċess għall-art) kienet seħħet sa mis-sena 2004 minn Triq il-Ħawt li ġiet asfaltata mill-Gvern Ċentrali fit-2010.

(iii) L-ittra uffiċjali tal-5 ta' Diċembru 2014 biex il-konvenuta tersaq għall-kuntratt saret iktar minn tliet xhur wara li t-toroq proġettati fuq l-iskema infetħu u b'hekk l-attriċi setgħet tidħol fil-proprjeta *de quo*.

(iv) Japplika l-istitut tal-kapparra.

(v) Sentenza tal-Prim'Awla tas-6 t'Ottubru 2014 iddeċidiet li l-konvenju skada.

B'sentenza *in parte* tal-4 ta' Frar 2016 l-eċċezzjoni tan-nullita` ġiet miċħuda u l-Qorti ordnat il-leġittimazzjoni tal-atti.[2]

## Ġudikat

Fl-ordni loġiko-ġuridiku, imiss li din il-Qorti titratta l-eċċezzjoni tal-ġudikat billi jekk din tintlaqa', il-Qorti tkun impeduta milli tiddeċiedi mill-ġdid jekk il-konvenju skadiex jew le; tkun marbuta mad-deċiżjoni li l-konvenju spiċċa u tieqaf hemm.

[2] Fol. 82.

Il-kawża li wasslet għall-imsemmija sentenza tas-7 ta' Novembru 2011 infetħet minn għadd ta' persuni kontra l-familja Buħaġiar (sidien tal-art); kontra Cranes, kontra Salvatore Schembri f'ismu proprju u f'isem Seaview Construction Limited ("Seaview"); kontra Raymond Agius f'ismu proprju u f'isem Octagon Real Estate and Development Limited; kif ukoll kontra n-nisa ta' Schembri u Agius għal kull interess li jista' jkollhom. L-atturi fetħu l-kawża 206/99AE biex iwettqu diversi konvenji li saru dwar l-art ta' Ħaż-Żabbar.

Fil-konvenju mas-sidien, Cranes żammet id-dritt li ċċedi d-drittijiet tagħha lil terzi.

Fit-3 ta' Diċembru 1994 Cranes intrabtet li tbiegħ l-art tal-Ħabel lil Seaview Construction Limited, li mbagħad intrabtet li tbiegħ lil Octagon Real Estate and Development ("Octagon"). Imbagħad saru għadd ta' konvenji oħrajn fuq l-istess art, bil-wegħdiet ta' bejgħ jgħaddu minn id għall-oħra.

Cranes eċċepiet *inter alia* li ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi ta' dik il-kawża billi l-konvenju li kien jorbotha ma' Octagon skada.[3]

Il-Prim'Awla, b'sentenza *in parte* tas-7 ta' Novembru 2011[4] ħelset lill-konvenuti kollha ħlief lil Octagon mill-osservanza tal-ġudizzju u ordnat lil Octagon tersaq għall-kuntratt mal-atturi.[5] Is-sentenza ġiet appellata. Il-Qorti tal-Appell ħassret il-parti tas-sentenza li ħelset lill-konvenuti

[3] Fol. 79.
[4] Ippronunzjata mill-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo.
[5] Fol. 81.

Agius u Schembri mill-osservanza tal-ġudizzju,[6] u rrimettiet l-atti lill-Prim'Awla għall-kontinwazzjoni. Il-Prim'Awla, b'sentenza definittiva tas-6 t'Ottubru 2014[7] iddikjarat li l-bejgħ ma setax isir u kkundannat lil Octagon biex tħallas ammonti ta' flus lill-atturi, ċaħdet it-talbiet kontra l-konjuġi Schembri u Raymond Agius. L-atturi kienu rrinunzjaw it-talba tagħhom kontra Phyllis Agius.

Fil-parti razzjonali tas-sentenza, l-Qorti kkunsidrat li:

> "M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenju oriġinali li kien sar bejn il-konvenuti Buhagiar u l-kumpannija Cranes & Commercial Sales Limited (25 ta' Novembru 1995[8]) skada. Għalhekk il-proprjeta` għadha tas-sidien Buhagiar li m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi u fil-fatt ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju".

L-attriċi ssostni li l-Qorti ppronunzjat din il-konklużjoni *obiter*. Il-konvenuti jsostnu li kienet premessa essenzjali għall-pronunzjament tas-sentenza. Tabilħaqq il-Qorti wara l-bran suċċitat kompliet tgħid li:

> Dan ifisser li ma jistgħux jiġu ppubblikati l-kuntratti ta' xiri favur l-atturi peress li Octagon m'hijiex proprjetarja tal-art.

Għalhekk żgur li l-pronunzjament ma sarx *obiter*.

B'danakollu lanqas ifisser li hemm l-elementi tal-ġudikat. Cranes ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Bis-sentenza in parte li kienet tat qabel, il-Qorti ddikjarat li ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi, u għalhekk ħarġitha 'l barra mill-kawża. Meta ppronunzjat is-sentenza finali, Cranes kienet diġa` mneħħija mill-kawża. Is-sentenza ma saritx fil-konfront tagħha. Għalhekk hija ma tistax tkun marbuta biha. Kif inhu sewwa magħrufa, sentenza għandha effett biss *inter partes* u mhux *erga*

---

[6] Fol. 121.
[7] Fol 123, ippronunzjata mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul.
[8] Recte: 1994.

*omnes*. Jekk b'xi mod Cranes setgħet titqies parti fil-bidu tal-kawża, żgur li ma baqgħetx parti meta ġiet ippronunzjata s-sentenza finali. Il-ġudikat huwa istitut ta' ordni pubbliku, kemm peress li huwa fl-interess pubbliku li l-kawżi jispiċċaw xi darba kif ukoll li ma jkunx hemm pronunzjamenti konfliġġenti. Min-naħa l-oħra, iżda, il-ġudikat jiprojbixxi l-aċċess għall-Qorti u għalhekk għandu jiġi nterpretat restrittivament.

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-ġudikat imressqa mill-konvenuti, filwaqt li hija waħda ferm interessanti, u li ma jistax jingħad li m'għandhiex ċertu piż, mhix sejra tintlaqa'.

**Kapparra**

Il-ftehim ċertament mhux wieħed ta' kapparra, li tfisser li ebda parti ma tkun marbuta li tixtri jew li tbiegħ, purke` tħallas ċertu ammont ta' flus iffissat mill-partijiet. Dan minkejja li fil-konvenju *de quo* hemm stipulat li:

> "Id-depożitu jintilef favur il-venditur kemm-il darba il-kumpratur ma jersaqx għall-kuntratt definittiv għall- (recte: għal) raġuni mhux validu (recte: valida) fil-liġi, u għalhekk id-depożitu (recte: depożitu) jitqies bħala kappara (recte: kapparra). Il-bilanċ jitħallas mal-kuntratt definittiv".

Ġurisprudenza riċenti tqis depożitu bħal dan bħala klawżola penali. Iżda fil-każ preżenti li hu żgur hu li s-sid kien marbut li jbiegħ u ma setax jirrifjuta bla raġuni li jersaq għall-bejgħ u jitlef somma daqs dik tal-"kapparra". M'hemmx għalfejn il-Qorti tiddilunga fuq dan il-punt. Lanqas il-partijiet ma tawh wisq importanza.

L-eċċezzjoni f'dan is-sens sejra tiġi miċħuda.

**Skadenza tal-konvenju**

Fil-konvenju hemm miktub li "il-kuntratt definittiv isir fi żmien tliet xhur mid-data illi toroq proġettati fuq l-i*scheme* jinfetħu u l-kumpratur ikollu aċċess għall-art." Din il-kundizzjoni sospensiva hija ripetuta fl-aħħar sentenza tal-konvenju li taqra hekk: "Il-konvenju jibqa' validu sa żmien tliet xhur mid-data illi toroq proġettati jinfetħu u l-kumpratur jkun jista' jidħol". Ir-ripetizzjoni hija superfluwa u l-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala saret; possibilment kien frott tal-għaġġla ta' konvenju li kien miktub bl-idejn.

Jirriżulta li meta sar il-konvenju, l-art kienet biċċa raba' mdawra minn raba' ieħor u ma kinitx aċċessibbli għall-makkinarju biex tkun tista' tiġi żviluppata. Kien hemm għadd ta' toroq ipproġettati biex jinfetħu b'mod li jmissu mal-art in kwistjoni, kif ukoll jgħaddu minn fuqha. Jirriżulta mir-ritratti meħudin mill-ajru esibiti li sa mis-sena 2004 waħda mit-toroq ipproġettati, Triq il-Ħawt, kienet twassal safejn kien hemm żvilupp konsistenti fi blokka appartamenti. It-triq ġiet iffurmata sa maġemb l-art in kwistjoni; anzi t-tarf tat-triq kien iffurmat fuq parti minnha. Fir-ritratt meħud mill-ajru tas-sena 2012 tidher li ġiet ukoll asfaltata. Sa mis-sena 2004 jidher li kien hemm aċċess bil-makkinarju tal-bini għal din l-art. It-toroq l-oħrajn ma kinux iffurmati b'mod li jipprovdu aċċess għal din l-art, u wisq inqas kienu ffurmati b'mod li jgħaddu minn ġo fiha, għalkemm kien ipproġettat li jagħmlu hekk.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tisħaq li l-aċċess kellu jkun mit-toroq kollha, u mhux minn waħda, għaliex il-konvenju jsemmi

"toroq" u mhux "triq". Barra minn hekk, biex jiskatta t-terminu sospensiv ta' tliet xhur, issostni li mhux biżżejjed li kien jingħata l-aċċess, kien jinħtieġ ukoll li jiġu ffurmati t-toroq li jaqsmu minn fuq l-art in kwistjoni.

Il-Qorti għalhekk trid tinterpeta l-konvenju.

Sfortunatament, mill-erba' aħwa Buhagiar li kienu sidien tal-art, Catherine Buhagiar biss baqgħet ħajja, u din ma xeħtitx wisq dawl fuq x'riedu jifhmu l-partijiet bil-kundizzjoni sospensiva li kien hemm fil-konvenju. Ma kinitx il-persuna li kienet qiegħdha tieħu ħsieb it-trattattivi. In-Nutar Carmel Mangion, li rrediġa l-konvenju, għalkemm ittella' jixhed, ma ġiex mistoqsi biex jgħid sewwasew x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet f'dan ir-rigward. L-unika prova li għandha l-Qorti dwar l-intenzjoni tal-partijiet hija dik mogħtija minn Joseph Cassar, direttur ta' Cranes. Fl-affidavit tiegħu esibit fil-5 ta' Frar 2015, stqarr hekk:

> "Il-ftehim bejn il-partijiet sar li l-akkwist tal-Proprjeta` isir ġaladarba jkun possibbli l-aċċess għaliha permezz tal-inġenji. Dan seta' biss ikun possibbli mal-mument li toroq proġettati jinfetħu, jew tal-inqas ikun hemm aċċess adegwat minn triq waħdanija".[9]

Tassew li l-konvenju jsemmi "toroq" u mhux "triq". B'danakollu, mix-xhieda ta' Joseph Cassar jidher li l-iskop wara l-klawżola sospensiva kien li l-kuntratt isir appena jkun hemm aċċess li jippermetti li jsir l-iżvilupp – imqar minn triq waħda. Tassew li *contra scriptum non est argumentum*, imma dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut. Hawnhekk huwa direttur tal-attriċi nnifisha li kien deher f'isimha fuq il-konvenju, li qiegħed jistqarr x'kienet ir-rieda tal-partijiet. Minkejja l-kitba, il-Qorti m'għandhiex twarrab il-volonta` tal-partijiet, li għandha dejjem tkun

---
[9] Fol. 21.

suprema. Barra minn hekk ix-xhud għamel stqarrija kontrih innifsu u għalhekk żgur li ma hemmx lok għalfejn m'għandux jitwemmen.

Il-konvenju, apparti l-aċċess, jitkellem dwar il-formazzjoni tat-toroq. Skont l-attriċi, il-konvenju kien qiegħed jinkludi l-formazzjoni tat-toroq fuq l-art in kwistjoni. Issostni wkoll li din kienet a kariku tas-sid. Il-konvenju iżda ma jgħidx hekk. Li kieku l-partijiet kellhom dan l-intendiment, kienu jniżżluh bil-miktub fl-istess konvenju. Huwa iktar verosimili, illi l-partijiet kienu qegħdin jirreferu għall-formazzjoni tat-toroq sat-truf tal-art *de quo*. Hekk jew hekk kemm il-liġi,[10] kemm il-kundizzjonijiet li timponi l-Awtorita` tal-Ippjanar, kif ukoll il-prassi ġenerali hi li huwa l-iżviluppatur li għandu jieħu ħsieb il-formazzjoni tat-triq sa quddiem il-binja tiegħu. Il-Gvern imbagħad jagħti t-tarmac. Billi kemm-il darba wieħed li jrid jibni huwa obbligat li jifforma t-triq sal-binja tiegħu, ikun ferm oneruż għalih li jifforma t-triq quddiem plots oħrajn proprjeta` ta' terzi mhux mibnijin. Hija regola tal-interpretazzjoni tal-kuntratti, dettata mil-leġislatur (Art. 1009 Kodiċi Ċivili - għalkemm mhijiex norma ta' koattiva, imma semplici norma direttiva, tant li l-ġurista Rousset innota li m'hemmx postha f'Kodiċi Ċivili imma messha tħalliet għad-dottrina u l-ġurisprudenza) li fid-dubju l-konvenzjoni għandha tiġi nterpetata kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak li ntrabat bl-obbligazzjoni.

Fid-Dritt Ruman, il-*clarius loqui* kien meħtieġ fil-kuntratti: l'*obscure loqui* kienet ġeneralment ikkunsidrata bħala magħmula apposta.[11] Min irid jieħu vantaġġ partikolari u ma joqgħodx attent li jesprimi ruħu b'mod ċar, imma jinħeba wara kliem ambigwu ma jista' jagħti ħtija lil ħadd

[10] L.N. 291/2018.

[11] Giovanni Lomonaco, Delle Obbligazioni e dei Contratti in Genere (1912) Vol I paġna 257.

ħlief lilu nnifsu. Il-Pothier kien tal-istess fehma, li ġiet riflessa fil-Kodiċi Franċiż, imbagħad dak Taljan, u dak Malti. Skont il-Polignani:

> "Nessuno deve poter approfittare di reticenze calcolate o insidiose. Gli obbligi contratti bisogna bene che si provino nella loro sostanza, o nei loro limiti da chi ne pretende l'adempimento. L'oscuro e l'ambiguo non provano nulla, e di regola non si ha da presumere contro la liberta` del debitore".[12]

Joseph Cassar fl-affidavit fuq imsemmi, stqarr li:

> "Riċentement jiena sirt naf li waħda mit-toroq proġettati fuq imsemmija kienet infetħet. Bis-saħħa ta' din it-triq illum jidher li huwa possibbli li jsir aċċess għall-Proprjeta` żviluppata **kif kien oriġinarjament l-intendiment tiegħi** " (l-enfasi hija tal-Qorti).[13]

Tant li jsostni li pproċeda minnufih bl-ittra uffiċjali biex il-bejjiegħa jersqu għall-kuntratt. Meta Cassar xehed *viva voce* fid-9 ta' Marzu 2016 xehed li sar jaf li nfetħet it-triq xi sena u nofs qabel. Li jfisser li skontu sar jaf ċirka Settembru 2014. Jistqarr li din kienet infetħet b'mod li waslet "sat-tarf" tal-plot in kwistjoni.[14] Jgħid li hija Triq il-Krexxuni, li hija dik biswit iċ-ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar (jidher li fil-fatt kien jisimha Triq il-Ħawt). [15] Jgħid ukoll li ma kienx hemm aċċess mit-toroq l-oħrajn li kienu pproġettati li jgħaddu mill-istess art. Esebixxa għadd ta' ritratti[16] li qal li kien ġibidhom xi sena qabel jew iktar, biex jikkorrobora dak li kien qiegħed jgħid.[17]

Gew esibiti ritratti mill-ajru meħudin fil-1994 (sena li fiha sar il-konvenju), 1998, 2004, 2008, 2012, u 2016.[18] Minnhom jirriżulta li fit-

---

[12] V. Polignani fl-Appendiċi għall-volum XVII tat-traduzzjoni tal-Principes de Droit Civil tal-Laurent (Napli, 1882).
[13] Fol. 22, para. 7 tal-konvenju.
[14] Fol. 92 u 93.
[15] Fol. 97 in kontro-eżami.
[16] Fol. 101 sa 108.
[17] Fol. 95.
[18] Fol. 202.

2012 parti minn Triq il-Ħawt kienet diġa` ffurmata u asfaltata bl-aħħar parti asfaltata ġiet meħuda mill-art *de quo.*[19] Fir-ritratt tat-2008 it-triq tidher iffurmata mingħajr asfalt. Skont ċertifikat rilaxxjat mill-Perit Griscti Soler (prodott *ex parte* mill-konvenuti) tas-7 ta' Jannar 2019, ir-ritratti mill-ajru saħansitra juru aċċess minn Triq il-Ħawt sa mit-2004.[20]

Fil-25 ta' Diċembru 2014 l-attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenuti oriġinali biex jersqu għall-kuntratt.[21]

Kif diġa` ngħad, l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata fil-25 ta' Diċembru 2014 u għalhekk ferm iktar minn tliet xhur wara li ġiet iffurmata Triq il-Ħawt sat-tarf tal-art *de quo* (u wkoll daħlet f'parti minnha) u li nfetaħ aċċess sħiħ għaliha.

Għalhekk il-konvenju kien spiċċa.

***Decide :***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-ġudikat u l-eċċezzjoni tal-kapparra.

(2) Tiċħad it-talbiet tal-attriċi.

---

[19] Ara fol. 221 fejn hemm *close-up* tar-ritratt mill-ajru tat-2012.
[20] Fol. 267.
[21] Fol. 9, silta minn para. 4 tal-konvenju.

Spejjeż a kariku tal-attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA